*bis-swali tagħha għal-laqgħat tagħna. Id-Dar ta' San Ġużepp tal-Hamrun laqgħetna bosta drabi għall-kenn tagħha. Hekk ukoll is-Sur Ivo Muscat Azzopardi, P.L., ħalliena niltaqgħu kemm-il darba fl-uffiċċju tiegħu tal-Belt. Lil dawn kollha aħna niżżuhom ħajr u nwiegħduhom li ma ninsew qatt dak li huma għamlu għalina; li ma kinux huma min jaf din il-"Għaqda" tagħna kinitx tkun tista' timxi hekk 'il quddiem u twettaq dawk il-ħidmiet kollha li għamlet ma' tul it-tletin sena tal-ħajja tagħha.*

*Kull għaqda jew xirka biex tista' tindaħal għax-xogħol tagħha u twettaq l-iskop li għalih twaqqfet, jeħtiġilha dar fejn il-membri jkunu jistgħu jiltaqgħu bla tfixkil meta u x'ħin iridu, u fejn ikunu jistgħu jitkellmu aktar bil-ħerqa u bil-ħrara. Meta l-Membri jinġabru f'dik id-dar tagħhom huma jħossu ruħhom aktar marbutin flimkien f'għaqda ta' ħbubija u, għal kenn ta' saqaf wieħed, iħossu akbar mistrieħ fil-barka u s-sliem ta' darhom.*

*Kull soċjetà ta' importanza jeħtieġ, mela, li jkollha ċentru jew* domus *fejn jitnisslu l-attivitajiet kollha u minn fejn joħorġu t-tusijiet biex jitwettqu dawk l-attivitajiet. Id-*domus *qisu r-ras ta' ġisem il-bniedem fejn jinsab il-moħħ li jqanqal il-partijiet kollha tal-ġisem; sakemm soċjetà ma jkollhiex id-dar tagħha tkun qisha qasba tixxejjer mar-riħ: qatt ma tkun fis-sod, dejjem sejra min-naħa għall-oħra, qatt ma trabbi għeruq. Dan jaħti li bosta mill-għaqdiet u xirkiet li kellna f'Malta marru lura u baqgħu sakemm intemmu rqiq irqiq għax ma kellhomx dar fejn setgħu jitfgħu l-ankri u jibqgħu weqfin ħalli jħabbat il-baħar.*

*Għal grazzja t'Alla u bis-saħħa tas-Sur Ugo Muscat Azzopardi dak in-nuqqas issa mtlielna u dak il-periklu ħalliena. Issa minna jonqos jekk ma naqbżux 'il quddiem u nkattru l-ħidma tagħna b'risk l-ilsien Malti u f'ġieħ Malta tagħna.*

---



## BLA TEBGħA

**(IMMAKULATA)**

*Ta'* PATRI Ġ. MEJLAK, S.J.

Inti biss waħdek fost kemm huma n-nisa
fuqek mar Alla jgħid: "Waħda hi l-ħamiema
tiegħi, waħda hi l-qaddisa". Ħadt fil-wisa'
taż-żmien minn fomm il-ġnus il-barka s-sliema.

Mill-għarqa d-dinja kellek Int teħlisha,
lis-serpent rasu tisħaq Int dejjiema,
lill-mewt tal-ħtija tajt il-mewt infisha,
u ta' fidwitna ma' Ibnek sirt Ħaddiema.

Sbejħa bħal qamar u bħax-xemx magħżula,
saħħarna għal warajk, orbotna miegħek,
żommilna din ir-ruħ mid-dnub maħlula.

U kif Susan tal-bjuda dhirt, MARIJA,
hawn fostna, rodd li fuq il-atar tiegħek
nimxu, biex naslu fejnek fit-tgawdija.

B'kara, 15. 8. 49.

---

## LIX-XITA

*Ta'* VINCENT UNGARO

Tinżel kull tant tħabbat maż-żġieġ tat-twieqi
U traxxax il-jum kollu rqiq irqiq
Oħrajn tfawwar l-ibjar, tifqa' l-egħlieqi
U timla t-toroq kollha tajn u żlieq.

Il-bidwi jħobb jarak timlielu s-swieqi
Mingħajr ma tinżel mgħaġġla 'nkella sfiq;
Ix-xiħ, miskin, jisħet it-temp qarrieqi
Għaliex ixxarrbu għasra f'nofs ta' trieq.

Għidli daqsxejn. Tħoss int il-qabża kbira
Li tniżżlek mis-Smewwiet sabiex tarana?
Taf xejn li tiġi hawnhekk f'daqsxejn ta' gżira?

Naf jien: Jien naf Min jibgħat lilek magħna:
Alla jibagħtek hawn, fuq din l-art fqira
Għax ħadd ħlief Alla waħdu ma jitmagħna.

5. xi. 49.